MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 421/2006

Il-Pulizija
(Spt. J. Cordina)

Vs

Christopher Agius

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) fit-2 ta' Gunju, 2006, u fi zminijiet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeghda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,

jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ LM4030 bi hsara ta’ Glenn Calleja;
2) taht l-istess cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeghda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ LM4500 bi hsara ta’ Gilbert Mifsud;
3) taht l-istess cirkostanzi, approprija ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, s-somma ta’ LM4030, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, ghad-detriment ta’ Glenn Calleja;
4) taht l-istess cirkostanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, s-somma ta’ LM4500, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-detriment ta’ Gilbert Mifsud.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Dicembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellat hati w ikkundannatu ghal terminu ta’ prigunerija ghal zmien sentejn (2) sospizi ghal erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, matul liema zmien l-istess appellat ghandu joqghod taht supervizjoni minn ufficjal tal-Probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Barra minn hekk il-Qorti ordnat lill-istess appellat ihallas is-somma ta’ LM4,030.00 (erbat elef u tletin lira Maltin) bhala danni sofferti minn Glenn Calleja, u kif ukoll is-somma ta’ LM4500.00 (erbat elef u hames mitt lira Maltin)

bhala danni sofferti minn Gilbert Mifsud, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-28 ta’ Dicembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u fejn ikkundannat lill-istess appellat ghal terminu ta’ prigunerija ghal zmien sentejn (2) sospizi ghal erba’ (4) snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w li matul l-istess zmien l-istess appellat gie mqieghed taht supervizjoni minn ufficjal tal-Probation, ai termini tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, w tirrevokaha w thasaraha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat ihallas is-somma ta’ LM4030 (erbat elef u tletin lira Maltin) bhala danni sofferti minn Glenn Calleja kif ukoll is-somma ta’ LM4500 (erbat elef u hames mitt lira Maltin) bhala danni sofferti minn Gilbert Mifsud, ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, w minflok tinfliggi l-piena u l-obbligi minnha previsti skond il-Ligi, fil-mod u fil-modalita’ hekk legalment stipulati.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravju tal-Avukat Generali li jikkonsisti fis-segwenti w cioe’ illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali applikat skorrettement l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta f'dan il-kaz. konsegwentement il-piena erogata minn dik l-Onorabbli Qorti ma kienitx fix-xorta taghha dik kontemplata fil-ligi ghar-reat ammess mill-appellat.

Rat il-verbal tal-lum li bih l-appellat adderixxa mar-rikors tal-appell tal-Avukat Generali izda talab l-itwal zmien possibbli biex jissalda d-debitu tieghu mal-partijiet lezi.

Rat illi l-prosekuzzjoni rrimettiet ruhha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-ilment tal-Avukat Generali dwar il-ligi applikabbli jidher pjenament gustifikat u l-Ewwel Qorti ma setghetx tapplika d-dispozittiv tal-Artikolu 24 tal-Kap. 446 imma se mai jmissa applikat id-dispozittiv tal-artikolu 28(H) tal-Kap. 9 li jirrigwarda l-materja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet htija fuq ammissjoni tal-appellat dwar l-erba' akkuzi dedotti kontra tieghu w inkwantu kkundannatu ghal prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin w inkwantu poggietu taht ordni ta' supervizzjoni tul l-istess perjodu tas-sentenza sospiza w inkwantu ikkundannat lill-istess appellat ghall-hlas ta' somma ta' LM 4030 bhala danni sofferti minn Glenn Calleja w s-somma ta' LM4500 bhala danni sofferti minn Gilbert Mifsud, pero' tirrevokaha fejn ikkundannatu jaghmel dan ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u minflok tordna li din il-kundanna ssir ai termini tal-artikolu 28(H) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana illi l-appellat ghandu jirrestitwixxi lill-partijiet offizi rispettivament l-ammonti fuq imsemmija w dana fi zmien sitt (6) xhur mill-lum u fin-nuqqas ikunu applikabbli d-dispozizzjonijiet approprijati msemmija fl-imsemmi artikolu 28(A).

Il-Qorti qed tispjega bi kliem car l-import ta' din is-sentenza lill-appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------